MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Numru 152/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb)**

**vs**

**Alan Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Alan Vella, 40 sena bin Louis u Lucia nee Camilleri, imwieled San Giljan, fil-11 ta’ Awissu 1963, u residenti fi:115, Triq is-Sidra, Swieqi, u detentur tal-karta ta’ l-identita numru: 446563M.

Akkuzat talli, fis-07, 08 u 09 ta’ Marzu 2002 u fiz-zmien ta’ qabel, fir-residenza tieghu, u cioe’ fis-Swieqi, f’ San Gwann u fi bnadi ohra ta’ dawn il-Gzejjer, u bhala Direttur ta’ ‘Cavalier Supplies’, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, bieghed jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebhin b'qerq u cioe' *sigarretti* tal-marka *Rothmans Blue KSFT* u dan bi ksur ta' artikolu 298(1) (f) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. bi qliegh jew bi skop ta kummerc, stampa, immanifatura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex iqassam xi artiklu jew xi haga ohra u cioe' *sigarretti* tal-marka *Rothmans Blue KSFT* bi ksur ta' jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u cioe' l-*Pall Mall Ltd of UK* u socjetajiet ohra, li taghhom is-socjeta *BCGL Advocates* rapresentata minn Dr. Andrew Borg Cardona LL.D *et* hija rappresentanti, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298B (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess zmien, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwawwaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u cioe' *il-boll tas-SISA/dazju fuq il-pakkett tas-sigarretti*, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U xjentament ghamel uzu minn dawn id-dokumenti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u *cioe' boll tas-SISA/Dazju* li jappartjenu lil Gvern ta' Malta., billi holoq pattijet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti

jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Kif ukoll talli ghamel xejntement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Fuq Talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:

Talli kellu fil-pussess tieghu billi kellu depozitat ghandu, jew espona ghal-bejgh – sigaretti bla dazju u li wkoll kienu counterfeit u bil-faxxa tad-dazju tas-SISA (banderole) falsifikata bil-logo *Rothmans Blue KSFT*, liema kwantita’ ta’ sigaretti kif deskritta fin-nota ta’ qbid numru 9/2004 u dan bil-hsieb li jiffroda lill-gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni l-importazzjoni tas-sigaretti hawn fuq imsemmi hija projbita u /jew ristretta. Dawn ghandhom valur totali ta’ LM 228.00,0; Dazju tas-SISA dovut ta’ LM 659.37,6 u wkoll Taxxa Imposta u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammontaw ghal LM 107.61,6 u LM 149.24,8 rispettivament, liema dazju u taxxi ma gewx imhallsa u/jew kawtelati:

| Valur | (Levy) | Dazju tas-Sisa | V.A.T |
|---|---|---|---|
| Lm228.00,0 | Lm107.61,6 | Lm659.37,6 | Lm149.24,8 |

U dan bi ksur ta’ l-Artikli 60 (a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) u paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-Artikli 16 (d) (e) (f) (g) (j) u 17 (a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 dwar Dazju tas-Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta, u wkoll, bi ksur ta’ l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII ta’ l-1998); L-Att ta’ l-1989 dwar il-Promozzjoni ta’ Prodotti Lokali (Kap 336); u l-Att XXIII ta’ l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Rat l-ittra tal-Kummisarju tal-VAT biex jittiehdu dawn il-proceduri;

Rat l-ittra tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-istess fini;

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza jammetti ghall-akkuzi kontrih dedotti f'liema ammissjoni baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-akkuzi kontra l-imputat huma, ghal dawk mahruga taht il-Kodici Kriminali: il-qerq fil-kummerc (Artikolu 298(1) (f) ), il-ksur ta' drittijiet ta' l-awtur (Artikolu 298B (1) ), il-falsifikazzjoni (Artikolu 167/183) u l-uzu taghhom (Artikolu 169). Huwa ukoll akkuzat b'reati konessi ma evazjoni ta' dazju u VAT taht il-ligijiet rispettivi.

Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni liema ammissjoni hi wahda nkondizjonata u volontarja.

Rat il-fedina penali retta tal-imputat.

Rat l-Artikoli 298(1) (f); 298B(1), 167, 169, 183, 184 u 17 tal-Kap 9;
l-Artikolu 60(a) (b) (c) (f) (g) (h) (i) u paragrafu (a) Artikolu 62 tal-Kap 37;
l-Artikolu 16 (d) (e) (f) (g) (j) u 17(a) ta' l-Att XVI tan-1995 u l-Artikolu tal-Att XXIII tal-1998, tal-Kap 336 u l-Att XXIII ta' l-1998 u fil-waqt li ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti tikkundannah sena prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendi ghal sentejn mil-lum u multa ta' LM 1372.24.

Torda ukoll l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sigaretti esebiti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------